Qorti tal-Appell
(Sede Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 14/2016

**Philip Vella (ID Nru 398057M) (appellat)**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali (appellant)**

28 ta' Marzu 2017.

Permezz ta' rikors ta' appell ipprezentat fil-21 ta' April 2016 id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali talab lill-qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-decizjoni tal-11 ta' Marzu 2016 moghtija mill-Arbitru safejn din hija kontra d-decizjonijiet tad-Direttur u tikkonferma d-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tas-17 ta' Frar 2015 u tal-4 ta' Marzu 2015.

Permezz ta' twegiba (fol. 12) pprezentata fit-3 ta' Gunju 2016 l-appellat ta r-ragunijiet ghalfejn din il-Qorti ghandha tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni tal-arbitru tal-11 ta' Mejju 2016.

Is-sentenza li l-appellanti qed titlob ir-revoka taghha, l-Arbitru ddecieda kif gej:

*"Ghaldaqstant, l-Arbitru filwaqt illi jaghmel riferenza ghas-suespost u ghat-talbiet tal-Appellant kif dedotti, jiddisponi minn dan l-Appell billi:*

*i.* *Jilqa' t-talba tad-Direttur ghal korrezzjoni sabiex, minflok tinhareg overpayment advice ohra, ir-raguni ghad-decizjoni tad-Direttur ghall-hlas lura ta' EUR 10,535.85 tigi korretta sabiex tinkludi mhux biss eccess ta' mezzi izda wkoll cahda tal-Appellant minn mezzi ta' ghixien sabiex jikkwalifika jew jinghata rata aktar vantaggjuza ta' ghajnuniet socjali.*

*ii.* *Jilqa' l-Appell tal-Appell limitatament ghall-perjodu bejn is-27 ta' Mejju 2000 sa 23 ta' Jannar u jiddikjara illi f'dan il-perjodu l-Appellant ma kienx jeccedi l-massimu ta' mezzi konsentit mil-ligi u ma kienx qieghed icahhad lilu nnifsu minn mezzi ta' ghixien sabiex jikkwalifika jew jinghata rata aktar vantaggjuza ta' ghajnuniet socjali.*

*iii.* *Jiddikjara illi fil-perjodu ta' bejn 23 ta' Jannar 2012 'l quddiem, l-Appellant kien qieghed icahhad lilu nnifsu minn mezzi ta' ghixien.*

*iv.* *Jissollecita lid-Direttur jerga' jaghmel kalkolu mill-gdid tal-mezzi finanzjarji tal-Appellant mit-23 ta' Jannar 2012 'l quddiem liema kalkolu ghandu jinkludi l-valur tal-fond bhala fond kummercjali gewwa Triq Sciortino, Zebbug flimkien mal-kirjiet tal-istess fond liema kirjiet jikkwalifikaw bhala rizorsi kapitali."*

Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016 il-Qorti ddifferiet l-appell ghas-sentenza ghat-28 ta' Marzu 2017.

Il-qorti qrat l-atti.

**FATTI.**

1. L-appellat kien jircievi, minghand id-Dipartiment, l-Ghajnuna tal-Mard sal-31 ta' Ottubru, 2014. Dan mis-27 ta' Mejju, 2000. Ghal dak li jikkoncerna l-ghajnuna tal-qghad kien jirceviha sa mill-1 ta' Lulju 2000. Jirrizulta' li fid-9 ta' Lulju, 1979 l-appellat xtara garaxx bla numru fi Triq Sciortino, Zebbug, Malta ghall-prezz ta' Lm1,200.

2. Fis-26 ta' Settembru, 2001 l-Awtorita' tal-Ippjanar harget permess lil Steve Vella, iben l-appellat, sabiex fil-fond in kwistjoni isir, *"change of use from flower shop to cafeteria"*.

3. Fit-23 ta' Jannar 2012, Steve Vella ffirma kuntratt ta' lokazzjoni ma' James u Vanessa konjugi Pawney li bih il-fond inghata b'kera ghan-negozju bl-isem Jeff's Pastizzerija b'sehh mill-1 ta' Jannar 2012 ghall-perjodu ta' tnax (12)-il sena *di fermo* u ghaxar (10) snin *di rispetto*. Il-kera kienet ta' €7 kuljum sat-30 ta' Settembru, 2013 u €8 kuljum sal-31 ta' Dicembru 2021. M'hemmx prova li l-fond ghandu permess ta' zvilupp sabiex jintuza bhala hanut.

4. Wara nvestigazzjoni li saret mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Fordi ta' Beneficcji (ara rapport tal-21 ta' April, 2014) kien irrizulta li l-appellat:

   > *"(....) huwa l-uniku sid tal-post li fil-prezent huwa Jeff's Pastizzeria fi Triq Sciortino, Zebbug (M). Dan hareg car mill-profil tat-TCU fejn jidher li huwa sole proprietor (ara Doc B anness ma' dan ir-rapport), u kif ukoll kif gie mistqarr mis-Sur Vella stess u ibnu. Il-valur kapitali ta' dan il-post, fi zmien li kien maghluq, jista' jirrendi lill-beneficjarju bhala li qatt ma kien eligibbli ghall-Ghajnuna ghall-Qghad (UA) u l-Ghajnuna Medika (SKA) jew inkella kien ikun eligibbli ghal rata aktar baxxa milli thallas bih. Filwaqt li mill-1 t'April 2012 huwa qieghed idahhal kirja li ghal bidu kienet ta' €100 kuljum li mbaghad tnaqqset ghal €7 kuljum sat-30 ta' Settembru 2013 u mill-1 ta' Ottubru 2013 sal-31 ta' Dicembru 2021 ghal €8 kuljum. Dan kif spjegat fl-iskrittura privata. L-ispettorat jinterpreta l-iskrittura privata bhala mossa min-naha tal-beneficjarju biex jiccahhad minn dhul li bi dritt huwa tieghu, sabiex jibqa' jikkwalifika ghall-beneficcji socjali mhux kontributorji"*.

5. Permezz ta' avvizi datati 17 ta' Frar, 2015 u 4 ta' Marzu 2015 l-appellant gharraf lill-appellat li:-

(a) M'ghadux intitolat jircievi l-ghajnuna medika;
(b) M'ghadux intitolat jircievi l-ghajnuna ghall-qghad;
(c) Ghandu jhallas is-somma ta' ghaxart elef hames mija hamsa u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€10,535.85) li thallas zejjed fl-Ghajnuna ghal Mard li rcieva mid-Dipartiment ghall-perjodu bejn is-27 ta' Mejju 2000 sal-31 ta' Ottubru 2014;

u dan minhabba li:- *"d-Direttur mhux sodisfatt li l-kapital tieghek ma jeccedix il-massimu konsentit u/jew li m'intix iccahhad lilek innifsek minn mezzi ta' ghixien sabiex tikkwalifika jew tinghata rata aktar vantaggjuza ta' ghajnuniet socjali"* (wara korrezzjoni awtorizzata mill-Arbitru fuq talba tal-appellant).

6. Permezz ta' ittra datata 10 ta' Marzu 2015, l-appellat appella mid-decizjonijiet tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali minghajr ma qal x'inhuma l-aggravji.

7. Skont stima tal-perit Ludovico Micallef (9 ta' April, 2015), il-fond numru 29, Triq Sciortino, Zebbug ghandu valur ta' €13,100 filwaqt li l-valur tal-fond fis-sena 2000 kien ta' €7,000.

8. L-appellant wiegeb li fuq rapport li d-Dipartiment kien ircieva minghand id-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet, kien irrizulta' li l-appellat kellu garaxx li qatt ma gie ddikjarat lid-Dipartiment u li kien gie konvertit f'uzu kummercjali mit-tifel tal-appellat minghajr ma tithallas kera.

9. L-Arbitru fid-decizjoni tieghu datata 11 ta' Marzu 2016 laqa' *in parte* l-appell ta' Philip Vella.

## **Aggravi u twegiba.**

Illi l-aggravju tal-appellant hu li l-arbitru ghamlet apprezzemant hazin tal-provi u applikazzjoni zbaljata tal-ligi:

1. *"(14) Illi fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-Arbitru issottolinejat u esklamat li l-appellat naqas milli jiddikjara l-fatt li huwa kien proprjetarju tal-garaxx in kwistjoni. Qalet ukoll li d-Dipartiment ma setax jikkunsidra l-mezzi kollha tal-appellant ghaliex l-appellat ma kienx trasparenti mad-Dipartiment u ma kien iddikjara l-assi kollha tieghu. Qalet ukoll li kieku d-diretur ma nghatax informazzjoni anonima, id-Direttur kien jibqa' nkonsapevoli dwar is-sitwazzjoni finanzjarja reali tal-appellat. Stqarret ukoll li komportament bhal dan minn persuni li jduru fuq l-istat ghall-assistenza huwa inaccettabbli u ghandu jigi kkundannat bla rizervi.*

   *(15) L-esponent jaqbel perfettament ma' dawn il-hsibijiet izda sfortunatament, il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-arbitru mhux qed tirrifletti dan l-istess kliem. Permezz ta' din is-sentenza moghtija mill-arbitru, mhux qed tigi enfasizzata bizzejjed in-necessita' li*

*persuna ghandha taghti dejjem u f'kull waqt informazzjoni korretta lid-Dipartiment, b'mod specjali ghaliex kull beneficcjarju qed jircievi flejjes mehudin mit-taxxi ta' kull wiehed u wahda minna …….*

*(18) Illi in vista tal-ksur lampanti tal-artikolu 97(1)(b), id-direttur kien korrett meta ddecieda li jigbor lura l-ammont imsemmi fid-decizjoni tieghu u huma l-appellat u l-arbitru li mhux qed jimxu skont dak li tghid il-ligi. Fil-fatt, fis-sentenza tal-arbitru lanqas biss hemm referenza ghall-artikoli tal-ligi li fuqhom qed tibbaza d-decizjoni taghha;*

*(19) Peress li rrizulta' li l-appellat ircieva flus li ma kienx intitolat ghalihom, permezz tal-artikolu 102(1)(i) tal-Kap 318, id-Direttur huwa marbut u obbligat sabiex jigbor lura flus mhux dovuti lill-beneficcjarja. F'termini previdenzjali d-dixxiplina normattiva fl-Artikolu 102 ghandha l-gustifikazzjoni taghha sabiex jigi evitat arrikiment indebitu ghal min jircievi l-assistenza b'dannu ghall-kollettivita'. (Ara Sonia Catania vs Direttur tas-Sigurta' Socjali deciz mill-Imhallef Philip Sciberras nhar it-22 ta' Mejju 2009) .........*

*(22) Illi rigward it-test tal-mezzi, irrispettivament jekk dan giex maqbuz jew le, huwa evidenti mill-Atti ta' dan il-kaz, li l-persuna li suppost hija fil-bzonn, u cjoe' l-appellat, qed icahhad lilu nnifsu minn introjtu biex ighaddih lill-ibnu li skont ir-rekords tal-ETC huwa mpjegat bhala draughtsperson fuq bazi full-time ma' entita partikolari u fuq bazi part-time ma' entita' ohra. Minn hekk johrog fid-deher li din il-manuvra qed issir unikament sabiex l-appellat jibqa' jibbenifika mill-ghajnuna socjali;*

*(23) Il-Ligi tas-Sigurta' Socjali, li tant hi importanti izda li ma nsibux referenza ghall-artikoli taghha fis-sentenza tal-arbitru, tipprovdi dan li gej:*

*Fil-proviso tal-paragrafu b tal-ewwel artikolu tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda:*

*"Izda kull proprjeta jew dhul li ghandhom ikunu kalkolati ghal finijiet ta' din it-Taqsima skont id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu ghandhom jinkludu kull proprjeta jew dhul li xi membru tal-familja kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima kienet direttament jew indirettament cahhad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd ghall-Ghajnuna ghal Mard jew sabiex ikollu jedd ghal rata aktar vanttagguza"*

*Fl-ewwel paragrafu tas-Sitt Taqsima tat-Tieni Skeda intitolata 'Ghajnuna Socjali': 'Meta jsir il-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet tal-artikolu 30, ghandhom jitqiesu kull proprjeta', dhul jew privilegg skond kif ikun indikat fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda …".*

L-appellat jirribatti billi jissolleva illi d-decizjoni tal-Arbitru ttiehdet abbazi tal-fatt illi anke kieku wiehed kellu jikkalkula l-valur tal-garaxx mal-mezzi finanzjarji l-ohra tal-appellat dan xorta wahda kien jikkwalifika ghall-beneficcji li fil-fatt ha. Inoltre jissoleva illi d-decizjoni appellata taghmilha cara illi l-appellat ma baqax jikkwalifika ghall-beneficcji mis-sena 2012 – minn meta l-garaxx beda jinkera bhala fond kummercjali. Ghaldaqstant l-appellant jissottometti, *"illi b'hekk huwa zgur illi d-decizjoni tal-arbitru hija ragjonevoli, ibbazata fuq il-fatti u l-ligi u ghandha tigi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti"* (fol 13).

L-appellat jilmenta wkoll li d-Direttur irid l-*"pound of flesh"*, *"… u dan ghaliex skont hu, ma messux ma ddikjarax il-garaxx, u talli ghamel hekk issa ghandu jhallas lura l-beneficcji kollha li nghata, ghalkemm kien jikkwalifika ghalihom*

*anke li kieku ddikjara l-garaxx!"* (fol 13). F'dan ir-rigward l-appellat jirrileva illi ghalkemm id-Direttur jistrieh pjenament fuq in-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-garaxx fl-applikazzjonijiet dawn qatt ma gew esebiti in atti. Inoltre l-appellat jargumenta illi huwa qatt ma mela l-applikazzjonijiet in kwistjoni ghaliex ma jafx jaqra u minbarra dan kien fuq medicina qawwija. Da parti tieghu l-appellat xehed bil-gurament fil-15 ta' Ottubru 2015 li huwa dejjem stqar li kellu garaxx.

L-appellat issolleva illi sentenzi citati mid-Direttur appellant – **M. Delia vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** u **F. Caruana vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** – ma japplikawx ghal kaz tieghu peress illi ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi tieghu u dana ghaliex l-garaxx gie ghandu fis-sena 1979 u cjoe' ferma qabel ma applika l-ewwel darba.

Dwar l-allegazzjoni mressqa f'paragrafu 12 tar-rikors tal-appell jirribatti billi josserva illi, *"bir-rapport kif inhu, iktar isahhah l-punt tal-esponent illi hu ma kienx qieghed jadem dak iz-zmien, fil-fatt kien inactive u dan kif gie irregistrat mal-ETC skont il-ligi"* (fol 14).

Dwar l-argument tad-Direttur illi l-appellat kera l-garaxx lil ibnu l-garaxx, huwa jissottometi li iben l-appellat iddikjara l-kera bhala dhul kemm mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghall-finijiet ta' *children allowance* kif ukoll mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u inoltre il-kuntratt tal-kera kien f'isem Steve Vella u l-inkwilini u mhux f'isem l-appellat.

L-appellat jsostni l-argument tieghu billi jaghmel referenza ghad-decizjoni appellata:

> *"Illi skont il-Perit Micallef il-valur tal-fond bhala garaxx fis-sena 2000 kien ta' EUR 7,000 u zdied ghal EUR 13,000 fis-sena 2015. Il-valur tal-istess fond bhala fond kummercjali huwa bejn wiehed u iehor hamsin fil-mija (50%) iktar u cjoe' EUR 10,500 is-sena 2000 u EUR 17,500 fis-sena 2015. Certament illi l-valur tal-fond bejn is-sena 2000 u s-sena 2012 kien ivarja izda jigi osservat ukoll illi dawn il-valuri ma jeccedux ir-rizorsi massimi li seta' jkollu Applikant ghall-Ghajnuna Medika is-snin 2000 sa 2012."*

Ghaldaqstant l-appellat jissottometti illi mis-sena 2000 sas-sena 2012 l-appellat ma hax xi flus li ma kienx intitolat ghalihom.

## <u>Konsiderazzjoni.</u>

Il-qorti tibda biex tosserva li r-riferenza ghall-artikolu 97(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), saret ghall-ewwel darba fir-rikors tal-appell. Id-decizjonijiet tal-appellant tas-17 ta' Frar, 2015 u 4 ta' Marzu 2015 ma kinux bazati fuq il-fatt li l-appellat naqas milli jaghti taghrif lill-appellant skont l-imsemmija disposizzjoni izda minhabba li l-appellant:

*"ma kienx sodisfatt li l-kapital ma jeccedix l-iskala stabbilita u/jew cahhad lilu nnifsu minn mezzi ta' ghixien sabiex jikkwalifika jew jinghata rata aktar vantagguza ta' ghajnuna socjali".*

L-artikolu 97(1) tal-Kap. 318 ma jissemmiex. Quddiem l-arbitru sar l-istharrig ta' dawk id-decizjonijiet tal-appellant li kienu bazati fuq l-imsemmija ragunijiet. Appell quddiem din il-qorti ta' revizjoni m'ghandux iservi sabiex l-appellant jaghti ragunijiet godda ghalfejn id-decizjonijiet tieghu li jwaqqaf l-ghajnuna tal-qghad u tal-mard u jitlob ir-rifuzjoni, kienu gustifikati. Jekk isir mod iehor il-process quddiem din il-qorti ma jibqax wiehed ta' revizjoni ta' dak li jkun iddecieda l-arbitru.

Ghal dak li jikkoncerna l-mezzi, mid-decizjoni appellata jidher bic-car li l-Arbitru hadet in konsiderazzjoni kemm il-valur tal-garaxx mertu tal-kontestazzjoni kif ukoll tal-kera li dahhal tant li qalet:

*"Illi skont il-Perit Micallef il-valur tal-fond bhala garaxx fis-sena 2000 kien ta' €7,000 u zdied ghal €13,100 fis-sena 2015. Il-valur tal-istess fond bhala fond kummercjali huwa bejn wiehed u iehor hamsin fil-mija (50%) iktar u cioe' €10,500 is-sena u €17,500 fis-sena 2015. Certament illi l-valur tal-fond bejn is-sena 2000 u s-sena 2012 kien ivarja izda jigi osservat ukoll illi dawn il-valuri ma jeccedux ir-rizorsi massimi li seta' jkollu Applikant ghall-Ghajnuna Medika is-snin 2000 sa 2012".*

Id-decizjoni tal-arbitru hi bazata fuq il-provi li kellha quddiemha. Ghaldaqstant l-aggravju mressaq mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali appellanti illi l-Arbitru ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi prodotti ma jirrizultax. Fir-rapport stess li sar mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji, ir-rakkomandazzjoni li saret kienet li:-

*"(.....) **d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jistabbilixxi l-valur kapitali tal-post in kwistjoni** li jinsab fi Triq Sciortino, Zebbug (M) u jirrevedi l-Ghajnuna ghall-Qghad (UA) u l-Ghajnuna Medika (SKA) li rcieva l-beneficjarju mill-1 ta' Lulju 2000, li hija d-data ta' meta beda jircievi l-Ghajnuna ghall-Qghad (UA) u mis-27 ta' Mejju 2000, li hija d-data ta' meta beda jircievi l-Ghajnuna Medika (SKA), skont dan il-valur kapitali u jigbor lura kull hlas zejjed li jirrizulta li sar fuq it-tali revizjonijiet. Din ir-revizjoni ghandha tkopri sal-31 ta' Marzu, 2012".*

Mill-provi ma jirrizultax li l-appellant stabilixxa l-valur kapitali tal-fond in kwistjoni. L-istima tal-perit Ludovico Micallef kienet l-uniku prova li kellha quddiema l-appellata dwar il-valur kapitali tal-fond. Minn tali prova ma jirrizultax li l-appellat kien qabez il-limiti fil-valur tal-proprjeta li timponi l-ligi. Il-fatt wahdu li rrizulta lid-Dipartiment li l-appellat hu sid tal-fond li jinsab fi Triq Sciortino, Haz-Zebbug m'huwiex bizzejjed sabiex l-appellant jiddikjara li, *"(....) mhux sodisfatt li l-kapital*

*ma jeccedix l-iskala stabbilita"*. Konkluzjoni li seta' jasal ghaliha biss kieku fl-ewwel lok l-appellat stabilixxa l-valur kapitali tal-fond kif irrakomanda d-Dipartiment tal-Ivestigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji.

Ghal dak li jirrigwarda qliegh mill-kera tal-fond, skont l-ewwel paragrafu tas-Taqsima VI tat-Tieni Skeda bit-titlu Ghajnuna Socjali:

> *"Meta jsir il-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet tal-artikolu 30, ghandhom jitqiesu kull proprjeta, **dhul** jew privilegg skont kif inkun indikat fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda....."*

L-appellant ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti **Mary Borg vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tat-23 ta' Frar, 2005:

> *"Kif tinterpretaha din il-qorti dan ma jfissirx illi l-applikant jew beneficjarju jrid ikun xjenti li dak li ghamel kien mahsbu biex icahhad lilu nnifsu. Jekk b'dak li ghamel indirettament cahhad lilu nnifsu dan jitqies sufficjenti biex tigi cessata lilu l-assistenza u ggieblu d-dekadenza mid-dritt li jissokta jippercepixxi d-dritt ghall-beneficcju lilu inizjalment approvat. Il-ligi tas-sigurta socjali mhix mahsuba biex teskludi mill-protata tal-beneficcji dawk is-sitwazzjonijiet biss prospettati mill-appellanti"*.

Il-qorti hi tal-fehma li l-fatt wahdu li jkun cahhad lilu nnifsu minn proprjeta jew xi dhul ma jwassalx awtomatikament ghat-telfien tal-ghajnuna. Irid xorta jsir il-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet tal-artikolu 30 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali li jirregola l-beneficcju tal-qghad. Il-qorti hekk tifhem paragrafu 1(b) tat-Taqsima II ta' Skeda II. L-appellant lanqas m'ghamel riferenza ghal xi disposizzjoni fil-Kap. 318 li tipprovdi li l-beneficjarju jitlef il-jedd ghall-ghajnuna socjali f'kaz li jirrizulta li jkun cahhad lilu nnifsu minn xi proprjeta jew dhul minghajr il-htiega li jsir l-ezercizzju biex jigu stabbiliti l-mezzi u rizorsi tal-beneficjarju wara li tizdied il-proprjeta u/jew dhul li jkun cahhad lilu nnifsu minnha.

Fid-decizjoni l-arbitru qalet li:

i. Ma ngabitx prova sabiex tikkontesta l-ammont dikjarat bhala kera, u cjoe' €7 kuljum bejn Jannar 2012 u Settembru 2013, u €8 kuljum bejn l-1 ta' Ottubru, 2013 u l-ahhar tas-sena 2021;
ii. M'hijiex konvincenti t-tezi li l-appellat mhux jiehu d-dhul mill-kera. F'kull kaz ukoll jekk il-kera qed jehodha Steve Vella, jigi li l-appellat qieghed icahhad lilu nnifsu mill-kera.

Xorta jrid jigi determinat jekk fir-realta b'dan id-dhul l-appellat huwiex jaqbez il-limitu ta' rizorsi kapitali li timponi l-ligi. Kwistjoni li bid-decizjoni tal-arbitru baqghet impregudikata in kwantu ddecidiet li mis-sena 23 ta' Jannar 2012 l-

appellat kien qed icahhad lilu nnifsu minn mezzi ta' ghixien, u ghalhekk l-appellant ghandu mill-gdid jaghmel il-kalkolu tal-mezzi finanzjarji tal-appellat mit-23 ta' Jannar 2012 'il quddiem, *"(....) liema kalkolu ghandu jinkludi l-valur tal-fond bhala fond kummercjali gewwa Triq Sciortino, Zebbug flimkien mal-kirjiet tal-istess fond liema kirjiet jikkwalifikaw bhala rizorsi kapitali".* Ezercizzju li ghandu jsir kemm fir-rigward tal-ghajnuna tal-qghad u tal-mard.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.